MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' April, 2015

Numru. 375/2015

**Il-Pulizija**

**(Spt. Elton Taliana)**

**vs**

**Zoubir Hadj Abdelkader**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Zoubir Hadj Abdelkader** detentur tal-passaport Algerin bin-numru 01114404;

Akkuzat talli flimkien ma' persuna ohra, nhar is-17 t'April, 2015 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija gewwa l-lukanda Corinthia fi Triq il-Bajja, San Giljan:-

1. Ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bil-'hin', ghad-dannu tal-familja Meire mill-Belgium.

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-lukanda Corinthia, liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin Euro (€250).

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif minnu registrata fl-ewwel seduta u konfermata wara li inghata zmien sufficjenti biex il-Qorti tkun zgura li huwa fehem l-akkuzi u l-pieni marbuta maghhom;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279 u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat illi r-rifurtiva kienet debitament ritornata lill-vittmi u li l-imputat ddikjara li fi hsiebu jaghmel tajjeb ghall-hsarat minnu kagjonati;

Tittratta mal-imputat billi fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum. Inoltre, fit-termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tobbligah ihallas lil-lukanda Corinthia s-somma ta' mija u erbghin euro (€140) fi zmien tmienja u erbghin siegha minn nofsinhar tal-lum 19 t'April 2015.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

Stante illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja tordna li l-atti jintbghatu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------